IL-PARLAMENT EWROPEW

ID-DI RETTORAT-ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI

DIPARTIMENT GĦALL-POLITIKI B:
POLITIKI STRUTTURALI U TA' KOEŻJONI

ŻVILUPP REĠJONALI

# IL-POLITIKI REĠJONALI U U TA' KOEŻJONI KIF JISTGĦU JINDIRIZZAW L-ISFIDI DEMOGRAFIĊI?

## SOMMARJU EŻEKUTTIV


Astratt

Dan l-istudju jipprovdi idea ġenerali tal-istrutturi demografiċi reġjonali u x-xejriet fl-UE b'enfasi fuq l-effetti probabbli tagħhom fuq il-koeżjoni soċjoekonomika u territorjali u r-rwol tal-Politika ta' Koeżjoni fl-indirizzar tat-tibdil demografiku. Janalizza b'mod dettaljati kif u sa fejn il-Politika ta' Koeżjoni u l-Fondi Strutturali Ewropej għall-2007-2013 qed jindirizzaw it-tibdil demografiku fil-livell reġjonali sabiex jissawru indikaturi utli dwar kif l-azzjonijiet tal-Politika ta' Koeżjoni jistgħu jkunu iktar effettivi fil-perjodu ta' programmazzjoni futura (2014-2020). L-istudju fih litteratura u rieżami ta' data dwar xejriet demografiċi u spazjali fir-reġjuni tal-UE u l-iżviluppi ta' politika ewlenin; rieżami ta' dokumenti ta' programmazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni għall-2007-2013; analiżi fil-post fil-fond ta' għaxar studji tal-każijiet reġjonali u l-prattiki tajba u fl-aħħar, qari orizzontali tas-sejbiet ewlenin biex jitnisslu l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' politika għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.



IP/B/REGI/FWC/2010-002/LOT05-C01-SC01 2013

PE 513.981 MT

Dan id-dokument ġie mitlub mill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali tal-Parlament Ewropew.


## AWTURI

Tmexxija tal-proġett: Manuela Samek Lodovici (IRS)
Koordinatur operattiv: Monica Patrizio (IRS)

IRS, Istitut għar-Riċerka soċjali (Milan): Manuela Samek Lodovici, Claudio Calvaresi, Davide Barbieri, Sandra Naaf (Thüringen-il-Ġermanja), Monica Patrizio, Flavia Pesce (Thüringen-il-Ġermanja u Basilicata-l-Italja), Cristina Vasilescu (iċ-Ċentru-ir-Rumanija), Giulia Rossi (il-Bażilikata-l-Italja), Gabriele Solazzi, Maria Letizia Tanturri.

CSIL, Ċentru għall-Istudji Industrijali (Milan): Silvia Vignetti, Gelsomina Catalano (Lincolnshire-ir-Renju Unit), Julie Pellegrin, Davide Sartori (Kastilja-La Mancha-Spanja), Emanuela Sirtori (il-Provinċja ta' Liège, il-Vallonja-il-Belġju, Malta).

PPMI, Istitut għall-Politika Pubblika u l-Ġestjoni (Vilnjus): Brozaitis Haroldas, Krystyna Iglicka (Loer Silesian-il-Polonja), Lisa Hörnström (l-Iżvezja Ċentrali tal-Lvant-l-Iżvezja), Repeckaitė Dovilė Žvalionytė (il-Litwanja)

## AMMINISTRATUR RESPONSABBLI

Esther Kramer
Dipartiment għall-Politiki B: Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni
Parlament Ewropew, B-1047 Brussell
Email: poldep-cohesion@europarl.europa.eu



## ASSISTENZA EDITORJALI

Nóra Révész

## VERŻJONIJIET LINGWISTIĊI

Oriġinali: EN.
Traduzzjonijiet: DE, FR.

## DWAR IL-PUBBLIKATUR

Biex tikkuntattja lid-Dipartiment tal-Politiki B jew biex tabbona fl-ittra ta' informazzjoni li toħroġ kull xahar jekk jogħġbok ikteb lil: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

Il-manuskritt tlesta f'Settembru 2013.


© Unjoni Ewropea, 2013.



Dan id-dokument huwa disponibbli fl-internet fl-indirizz:
http://www.europarl.europa.eu/studies



## KLAWSOLA TA' ESKLUŻJONI MIR-RESPONSABILITÀ

L-opinjonijiet espressi f'dan id-dokument huma r-responsabilità biss tal-awtur u mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew.

Ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni għal raġunijiet mhux kummerċjali huma awtorizzati, dment li s-sors jiġi rikonoxxut u l-pubblikatur ikun mgħarraf minn qabel u mibgħut kopja.

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan l-istudju jipprovdi idea ġenerali tax-xejriet demografiċi reġjonali fl-UE u tar-rwol tal-Politika ta' Koeżjoni fl-indirizzar tat-tibdil demografiku, sabiex jissawru indikazzjonijiet għall-perjodu ta' programmazzjoni futur.

## Sfidi demografiċi ewlenin

It-tnaqqis u t-tixjiħ tal-popolazzjoni huma x-xejriet li l-iktar joħolqu sfidi għall-futur, filwaqt li l-migrazzjoni internazzjonali saret katalist ewlieni tat-tkabbir tal-popolazzjoni mis-snin disgħin, ħlief għal ftit pajjiżi Ewropej li l-migrazzjoni taffettwahom b'mod negattiv. Madankollu, hemm varjazzjonijiet kbar fix-xejriet demografiċi bejn ir-reġjuni Ewropej, skont diversi fatturi soċjoekonomiċi. Ix-xejriet demografiċi għandhom effetti wkoll fuq il-kundizzjonijiet spazjali tal-UE fejn iż-żoni periferiċi u rurali kif ukoll iż-żoni urbani u muntanjużi post-industrijali jinsabu iktar f'riskju ta' depopolazzjoni.

Dawn ix-xejriet demografiċi għandhom ukoll implikazzjonijiet soċjoekonomiċi u ta' politika sinifikanti minħabba l-impatt tagħhom fuq: il-produttività u t-tkabbir; il-provvediment ta' servizzi soċjali u ta' kura tas-saħħa; żbilanċi tal-popolazzjoni urbani-rurali; u n-nuqqas ta' ħaddiema. It-tibdil demografiku, għalhekk, hu kwistjoni ewlenija li tinvolvi żoni ta' politika differenti u livelli ta' intervent inklużi: sistemi ta' protezzjoni soċjali, politiki ta' impjiegi, ippjanar urban u rurali, infrastrutturi ta' komunikazzjoni u soċjali, politiki ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri u tal-familja, politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ, politiki tal-immigrazzjoni u l-integrazzjoni.

It-tibdil demografiku issa qiegħed fuq quddiem nett tal-politiki Ewropej, nazzjonali u reġjonali. Il-Kummissjoni stimulat id-dibattitu u pproduċiet data, indikaturi u rapporti; enfasizzat il-ħtieġa għal riformi; u adattat ir-regolamenti tal-Fondi Strutturali u l-Linji Gwida Strateġiċi tal-Komunità biex jiġu appoġġati politiki ta' adattament għat-tibdil demografiku. Fl-istrateġija tat-tkabbir Ewropa 2020, b'mod partikolari, l-isfidi demografiċi huma indirizzati mill-maġġoranza tal-Inizjattivi Ewlenin. Fl-2011 il-Parlament Ewropew daħħal fis-seħħ Riżoluzzjoni ddedikata għall-implikazzjonijiet tat-tibdil demografiku għall-Politika ta' Koeżjoni fil-livell reġjonali. L-Istati Membru qegħdin jirrieżaminaw is-sistemi tat-taxxa u l-benefiċċji tagħhom biex iħeġġu lill-ħaddiema jibqgħu iktar fis-suq tax-xogħol, filwaqt li għadd ta' Reġjuni jinsabu fuq quddiem nett tal-ħsieb strateġiku b'azzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi demografiċi speċifiċi.

## Ir-rwol tal-Politika ta' Koeżjoni

Il-Politika ta' Koeżjoni jista' jkollha rwol importanti fl-appoġġ tal-adattament reġjonali għat-tibdil demografiku u t-taqlib tar-riskji ta' differenzi fl-iżvilupp usa' bejn ir-reġjuni minħabba xejriet demografiċi. Il-biċċa l-kbira tat-temi ta' prijorità tal-Fondi Strutturali l-FEŻR u l-FSE jistgħu jindirizzaw ir-riskji demografiċi. L-importanza dejjem tikber ta' kwistjonijiet demografiċi hija riflessa fil-prominenza dejjem tikber fil-perjodi ta' programmazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013 u 2014-2020, anki jekk ma hemm l-ebda attenzjoni espliċita għat-tibdil demografiku fost il-prinċipji orizzontali.

Skont l-estimi tagħna, fil-perjodu 2007-2013 total ta' EUR 64,1 biljun (19 % tat-total tal-FEŻR, l-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni allokati lill-Istati Membri) ġie allokat għal temi ta' prijorità li jindirizzaw b'mod dirett jew indirett l-isfidi demografiċi.

L-għaxar studji tal-każijiet territorjali li jirrapprenżentaw il-kundizzjonijiet ta' diversi kundizzjonijiet demografiċi u soċjoekonomiċi juru sensibilizzazzjoni dejjem tiżdied ta' u attenzjoni għat-tibdil demografiku fil-livell lokali:

- Il-miżuri tal-Politika ta' Koeżjoni ta' spiss huma d-dispożizzjonijiet ewlenin li jindirizzaw l-isfidi demografiċi fil-livell reġjonali u lokali u ta' spiss jikkumplementaw l-istrateġiji nazzjonali/reġjonali.
- Il-valur miżjud tal-Politika ta' Koeżjoni jinsab b'mod partikolari fil-provvediment ta' infrastrutturi soċjali u r-riġenerazzjoni ta' żoni urbani u/jew rurali b'miżuri tal-FEŻR, u fil-promozzjoni tal-impjegabbiltà u l-inklużjoni tal-anzjani, in-nisa, iż-żgħażagħ u l-migranti b'miżuri tal-FSE. Il-Kooperazzjoni Territorjali kienet effettiva fl-appoġġ tat-tagħlim istituzzjonali fil-qasam.
- Il-potenzjal tal-interventi tal-Politika ta' Koeżjoni, madankollu, kien limitat f'xi każijiet min-nuqqas ta' strateġija komprensiva li tindirizza l-isfidi demografiċi u min-nuqqas ta' sensibilizzazzjoni dwar il-potenzjal tal-Fondi Strutturali fl-indirizzar tat-tibdil demografiku. Il-miżuri ta' Koeżjoni għandhom fil-fatt il-potenzjal li jisfruttaw l-opportunitajiet li jirriżultaw mit-tibdil demografiku permezz tal-valorizzazzjoni tal-popolazzjoni tal-anzjani, il-migranti u n-nisa bħala aġenti ekonomiċi u li jmexxu d-domanda u l-provvista tal-innovazzjoni teknoloġika, prodotti ġodda u servizzi.

Diskussjoni inizjali tal-prijoritajiet strateġiċi għall-perjodu 2014-2020 turi l-intenzjoni li tingħata iktar attenzjoni lill-isfidi demografiċi u l-konsegwenzi tal-kriżi. Integrazzjoni u sinerġiji ikbar bejn il-Politika ta' Koeżjoni u Fondi Strutturali oħrajn kif ukoll bejn dawn il-fondi u strateġiji nazzjonali u reġjonali huma previsti wkoll.

## Implikazzjonijiet tal-politika

L-implikazzjonijiet tal-politika ewlenin li ġejjin jirriżultaw mill-istudju. Huma konsistenti mal-indikazzjonijiet tar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-2011 u parzjalment diġà tqiesu fl-abbozz ta' pakkett leġiżlattiv emendat li jikkostitwixxi l-Politika ta' Koeżjoni għall-2014-2020 u fl-objettivi ta' politika transversali tal-Qafas Strateġiku Komuni.

Sabiex titjieb l-effettività tal-Fondi Strutturali fl-indirizzar tat-tibdil demografiku fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, ikun meħtieġ li jiġu promossi:

- fokus ikbar u iktar speċifiku fuq it-tibdil demografiku bħala qasam ta' prijorità fi ħdan ir-Regolamenti finali u t-tixrid tal-linji gwida biex jiġu appoġġati l-Istati Membri u r-Reġjuni, jiġi esplorat l-potenzjal li jista' jkollhom il-Fondi Strutturali fl-indirizzar tat-tibdil demografiku fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija u ta' Programmi Operattivi;
- koordinazzjoni u integrazzjoni ikbar tal-attivitajiet promossi mid-diversi Fondi Strutturali u iktar flessibbiltà fl-użu tagħhom biex jittejbu l-kumplementaritajiet u l-konsistenza;
- approċċ proattiv iktar fit-tfassil tal-politika demografika u l-iskambju ta' prattiki u esperjenzi tajba għat-tagħlim istituzzjonali;
- għodda speċifiċi għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-potenzjal u l-effetti reali tal-Fondi Strutturali fl-indirizzar tat-tibdil demografiku permezz tal-provvediment ta' linji gwida u l-iżvilupp ulterjuri ta' indikaturi demografiċi rilevanti sabiex jiġu faċilitati sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni biex tinġabar u, konsegwentement, tiġi evalwata, data ewlenija rilevanti;

- provvediment ta' appoġġ tekniku lill-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-partijiet interessati lokali għall-implimentazzjoni ta' politiki effettivi li jindirizzaw it-tibdil demografiku kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll dak reġjonali.

Bħala koleġiżlatur mal-Kunsill, il-Parlament Ewropew għandu rwol importanti f'dawn il-proċessi, fil-promozzjoni ta' attenzjoni ikbar għall-isfidi demografiċi u approċċ ta' politika integrat - f'politiki tal-UE b'mod ġenerali u fil-Politika ta' Koeżjoni b'mod partikolari -, u approċċ proattiv f'dan il-qasam. Ix-xhur li ġejjin se jkunu partikolarment importanti u l-Parlament Ewropew għandu jimmonitorja l-applikazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-2011 u jsaħħaħ ir-rwol superviżorju tiegħu fir-rigward tal-effettività tal-Politika ta' Koeżjoni fl-indirizzar tat-tibdil demografiku.